# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Gunju, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 167/1996G1(PC)**

Stephen Grima .

vs

Peter Bugeja .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fit-3 ta' Marzu, 1995, l-attur, Stephen Grima kien qieghed isuq vettura tat-tip "Mitsubishi Lancer" (numru tar-registrazzjoni: V-5450) matul Junction 2, Mgarr Road, Xewkija, Ghawdex, bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnu rikjesta mill-Ligi ;

Illi l-konvenut, Peter Bugeja kien isuq vettura tat-tip "Mazda" (numru tar-registrazzjoni : U-6682) b'traskuragni grassa, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u bi speed eccessiv matul l-istess triq ;

Illi minhabba dan is-sewqan traskurat u eccessiv tal-istess konvenut Peter Bugeja, l-attur safa investit mill-vettura tal-konvenut bir-rizultat li huwa sofra danni ngenti fil-vettura tieghu (numru : V 5450) hawn fuq imsemmija ;

Illi ghalhekk l-istess incident awtomobilistiku gara unikament tort u htija tal-istess konvenut, li ghalih huwa unikament responsabbli .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtombolistiku hawn fuq imsemmi ;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi konsistenti fi hsarat fil-vettura tieghu u f'kiri ta' vettura self-drive ghax-xoghol normali tieghu ;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tad-29 ta' Lulju 1995 u tat-30 ta' Marzu 1996 u tal-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek . Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. It-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ghall-incident de quo ma jahti hadd aktar hlief l-attur innifsu illi kien qieghed isuq il-vettura tieghu bi traskuragni, b'imperizja, b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, fuq in-naha tal-lemin tat-triq kif kien qieghed isuq l-istess attur ("wrong side"), u di piu' l-attur kien qieghed jaghmel manuvra anti regolamentari ghall-ahhar - "U-turn" .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta :

Illi fit-3 ta' Marzu 1995, il-konvenut Peter Bugeja kien qieghed isuq il-vettur Mazda numru tar-registrazzjoni U 6682 matul Mgarr Road Junction 2, Xewkija bi speed moderat, u fuq in-naha korretta tat-triq, u bid-diligenza minnu rikjesta mil-ligi ;

Illi f'daqqa wahda l-konvenut sab ruhu rinfaccjat b'vettura – illi wara irrizultat illi kienet Mitsubishi Lancer numru tar-registrazzjoni V 5450 misjuqa mill-attur – illi kienet qeghda taghmel manuvra ta' "U-turn" u kienet tinsaq fuq il-lemin tat-triq ;

Illi minhabba dan il-konvenut habat ma' din l-istess vettura; u per konsegwenza sofra danni ingenti fl-istess vettura tieghu ;

Illi ghalhekk l-istess incident gara unikament tort u htija tal-attur .

Talab lill-attur jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarah responsabbli unikament ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ;

2. Tillikwida d-danni kohha sofferti mill-konvenut Peter Bugeja minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi konsistenti fi hsarat fil-vettura tieghu u f'kiri ta' vettura self drive ghax-xoghol normali tieghu ;

3. Tikkundannah ihallas lill-attur dawn id-danni kohha kif hekk sofferti u likwidati .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji tas-27 ta' Marzu, 1996, u tat-22 ta' April, 1996, kif ukoll tal-ittra ufficjali ta' Gunju, 1996, u ta' dik ufficjali ukoll prezentata kontestwalment ma' din in-nota u kontro citazzjoni kontra tieghu, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa msejjah .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li

permezz taghha eccepixxa illi :

1. It-talbiet dedotti mill-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-incident awtomobilistiku gara unikament tort u htija tal-konvenut, Peter Bugeja li kien isuq il-vettura tieghu bi speed eccessiv f'post abitat, bir-rizultat illi habat mal-vettura tal-attur li kienet diga' ghad-dritt .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda, affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet f'Junction 2, Mgarr Road, ix-Xewkija . Minkejja l-isem taghha, din hija triq wiesa hafna u ghandha ghamla aktar ta' pjazza milli ta' triq . M'hijiex xi triq traffikuza hafna u tinsab fil-qalba ta' zona residenzjali gdida, b'Housing Estate governattiv fuq naha u djar privati fuq in-naha l-ohra . Il-parti kareggjabbli pero' hija ristretta bi tliet (3) metri minn naha, minhabba filliera ta' sigar li jinsabu fuq dik il-parti tat-triq u b'bankina ta' metru punt zero hamsa (1.05m) fuq in-naha l-ohra (ara skizz relattiv esebit "Dok. B" a fol. 7 tal-process) . L-incident in kwistjoni sehh billi z-zewg karozzi habtu *head on* kwazi *on the crown of the road* . Infatti jirrizulta mill-istess skizz li li-*spot of impact* gie indikat bhala tmienja punt seba' metri (8.7m) 'il boghod mill-bankina tan-naha tax-xellug int u thares fid-direzzjoni tar-Ramla u tmienja punt tmienja metri (8.8m) 'l boghod minn fejn hemm is-sigar fuq in-naha l-ohra tat-triq . Filwaqt illi l-karozza misjuqa mill-konvenut halliet *brake marks* deskritti fuq l-istess skizz bhala "black brake marks" ta' erbatax punt tlieta metri (14.3m) u hdax punt hamsa (11.5m) metri rispettivament, il-karozza ta' l-attur halliet sinjal wiehed biss ta' metru punt disgha (1.9) u tracci ta' zejt u ilma mill-punt tal-habta sa fejn spiccat madwar disa' (9) metri aktar lura .

Lis-surgent John Saliba li nvestiga l-kaz, l-attur *a tempo vergine* qallu li l-karozza tieghu kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu thares lejn ir-Ramla . Dawwar bil-mod 'l quddiem u ra l-karozza l-ohra gejja mill-faccata b'velocita' qawwija hafna . Ghafas il-*brake*, il-karozza l-ohra habtet mal-karozza tieghu u mbuttatu lura kif tidher fl-iskizz . Spjega

wkoll illi huwa kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq lejn Triq l-Imgarr . Il-konvenut da parti tieghu qal lis-surgent illi kien qed isuq minn Triq l-Imgarr b'velocita' ta' 30 kilometru fis-siegha (30 k.f.s.) . Ra l-karozza l-ohra gejja f'nofs it-triq, ghafas il-*brake* u habtu . Mill-pozizzjoni li ra l-karozza l-ohra gejja, jindika li kienet gejja minn naha tal-lemin (Dok. JS 2 a fol. 75) .

Xhieda okulari ta' l-incident, apparti naturalment il-kontendenti, ma tressqux biex jaghtu d-depozizzjoni taghhom . Waqt is-smiegh tal-kawza l-attur kompla jippreciza illi huwa kien gia dawwar ghal kollox u mexa qisu mitt pied jew tul ta' tnax il-dar x'hin lemah lill-konvenut gej ghal fuqu . Indika wkoll, bil-punt "X" fuq li skizz "Dok. B", il-pozizzjoni ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu qabel ma ghamel il-U-turn biex isuq fid-direzzjoni opposta . Il-konvenut da parti tieghu zied isostni illi l-attur qabad u ghamel il-U-turn waqt li huwa kien gia ghaddej minn dik it-triq u dana minghajr ma xeghel *indicators* jew hares biex jara jekk kienx gej xi traffiku minn warajh .

Kif gie spjegat fis-sentenza fil-kawza "Christopher Selvagi vs Ivo Galea (Prim'Awla : 19.6.79), U-turn hija manuvra fiha nnifisha perikoluza u ghandha tigi ttentata biss f'kaz ta' bzonn, bi prudenza u attenzjoni kbira . Tali manuvra hija estremament perikoluza u m'ghandha qatt issir f'toroq traffikuzi hafna .

Fil-kaz in ezami, huwa evidenti illi l-inhawi fejn sehh l-incident kien jippermetti li ssir din il-manuvra minhabba li t-triq hija wiesa bizzejjed u lanqas jghaddi daqstant traffiku . Imma l-attur xorta wahda kien obbligat jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex ma johloq l-ebda ostakolu fit-triq kif fil-fatt gara . L-attur jistqarr illi lill-konvenut rah gej fuqu minn faccata u allura x'hin kien gia dawwar u kkompleta il-manuvra tal-U-turn . Imma fi triq fejn il-vizwali tippermetti sew, mhux daqstant verosimili li l-attur kieku qaghad attent u hares lura qabel ma qala' minn fejn kien ipparkjat fuq in-naha l-ohra tat-triq, ma kienx ser jara lil-konvenut gej b'dik il-velocita' kollha kif isotni .

Minn naha l-ohra l-konvenut l-istess kellu vizwali tajba u ma seta' kien hemm xejn x'jostakolalu l-vizwali biex ma jindunax fil-hin bil-manuvra li kien ghadu kemm beda jwettaq l-attur . Imma madankollu huwa xorta wahda baqa' ghaddej bil-velocita' li kellu sa ma bbrejkja x'hin kien tard wisq, b'tali mod li mbaghad ma setghax jevita l-habta .

Jidher ghalhekk illi l-kontendenti, minkejja li kienu f'pozizzjoni li jindunaw b'xulxin fil-hin biex tigi evitata l-kollizzjoni kieku kienu prudenti bizzejjed fis-sewqan taghhom, ghazlu t-tnejn kemm huma li jibqghu ghaddejin kif kienu, minghajr l-ebda sforz ta' xi hadd minnhom li jipprova jevita l-habta qabel ma kien tard wisq . L-attur forsi ppretenda li t-triq kienet wiesa bizzejjed biex tippermettilu jaghmel il-U-turn u jevita lill-konvenut . X'aktarx illi l-istess kien il-hsieb tal-konvenut u baqa' sejjer bl-istess velocita' sakemm induna li l-attur kien ser jostakolalu l-kareggjata tieghu . Imma l-*brake* li zamm, ghalkemm kien wiehed qawwi,

u infatti halla dak it-tul ta' brakemarks kollha, ma kiex bizzejjed biex jevita l-habta .

L-attur jitfa' l-htija kollha ghal dan l-incident fuq il-konvenut minhabba l-allegata velocita' li dan ta' l-ahhar kien ghaddej biha . It-tul ta' *brakemarks* imhollija mill-vettura tal-konvenut u l-imbuttatura lura ghal madwar disa' metri li hadet il-karozza ta' l-attur, jindika li dan kien qed isuq b'certa velocita', zgur xi ftit jew wisq aktar eccessiva minn dik regolamentari f'*built-up areas* bhal ma ghandna fil-kaz in ezami . Imma n-nuqqas tal-konvenut ma kienx daqstant il-velocita' li kien ghaddej biha fiha nnifisha, imma l-fatt li minkejja li ma setghax ma ndunax bil-manuvra ta' l-attur fil-mument opportun, huwa ma ppruvax inaqqas li *speed* tieghu qabel ma kien tard wisq u sab lill-attur ma wiccu . Fic-cirkostanzi kien perikoluz li jibqa' ghaddej bl-istess velocita' . Kif intqal fl-Appell Kriminali: "Pulizija vs. G. Tanti (Kollez. Vol. XXX. pt. IV. p. 649), is-sewqan perikoluz huwa dak li johloq perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq anke jekk il-velocita' ma tkunx teccedi l-limiti mposti mill-ligi .

Hekk ukoll kien imprudenti l-attur meta, minkejja li ma setghax ma jarax lill-konvenut gej fid-direzzjoni tieghu, kkalkula hazin u haseb li jista' jibqa' hiereg u jdawwar bla xkiel, imma sab ruhu f'nofs it-triq bil-konsegwenza li l-vettura tal-konvenut li kienet ghaddejja kawzi f'nofs it-triq ukoll, baqghet diehla go fih . Infatti l-hsarat fil-karozzi rispettivi kienu min–nofs ta' quddiem sal-gemb tal-lemin . Jekk tassew, kif isostni fix-xheida tieghu, lahaq mexa mal-mitt pied jew tul ta' tnax il-dar wara li ghamel il-U-turn, xorta wahda naqas billi baqa' *on the crown of the road* minflok ma genneb mal-ewwel ghal go l-karregjata tieghu .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi z-zewg partijiet kienu imprudenti fis-sewqan taghhom, u ma tistghax timputa htija akbar f'xi wiehed minnhom . Ghaldaqstant issib illi ghal dan l-incident stradali jahtu l-kontendenti ndaqs .

Iz-zewg nahat esebew dokumenti sodisfacenti dwar il-hsarat mgarrba fil-vetturi rispettivi taghhom . Ma jidher illi hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kontijiet u ircevuti esebiti u l-Qorti lanqas ma tara li hemm ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mill-veracita' taghhom . Ma hemm xejn ta' l-iskantament illi f*'head-on collision* bhal ma kienet dik in ezami, d-danni ghaz-zewg nahhat ikunu konsiderevoli . Jirrizulta ghalhekk illi d-danni subiti mill-attur jammontaw ghal elfejn erba' u disghin lira maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2094.76), (ara Dokti. C, D, E, F, G, H, I, J, K, L a fol. 8 –17) . Dawk subiti mill-konvenut telghu ghal elfejn tliet mija hamsa u ghoxrin lira maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm2325.65), (ara affidavit a fol. 55 u Dokti. PB. 8, 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 a fol. 56 –63) . L-attur ghandu ghaldaqstant dritt jirreklama nofs l-ispejjez inkorsi minnu minghand il-konvenut, filwaqt illi l-konvenut l-istess ghandu dritt jirreklama nofs l-ispejjez inkorsi minnu minghand l-attur .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

ghar-rigward tat-talbiet ta' l-attur :

(i) tiddikjara lill-kontendenti ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza ;

(ii) tillikwida d-danni subiti minnu konsegwenza ta' l-istess habta fis-somma ta' elfejn erba' u disghin lira maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2094.76) u

(iii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs din is-somma u cioe' elf seba' u erbghin lira maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm1047.38) ; bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tas-sentenza .

Ghar-rigward tal-kontro-citazzjoni tal-konvenut billi :

(i) tiddikjara l-kontendenti ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza ;

(ii) tillikwida d-danni mgarrba mill-konvenut htija ta' din il-kollizjoni, fis-somma ta' elfejn tliet mija hamsa u ghorxin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm2325.65); u

(iii) konsegwentement tikkundanna lill-attur ihallas lill-istess konvenut nofs din is-somma u cioe' elf mija tnejn u sittin lira maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm1162.83) .

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S16796G1(Pc)
2010